MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Numru. 906/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Michael Mallia**

**VS**

**Clyde Bonavia, iben Anthony u Emanuela nee' Brincat, imwieled Tal Pieta' nhar id-9 ta' Awwissu, 1984, residenti fil-fond numru 69, Triq San Alfonsu, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 410684M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Clyde Bonavia** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-28 ta' Mejju, 2002, ghall-habta tad-9.30pm, minn Fuq Verdala, Bormla, ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Morris Marina bin-numru tar-registrazzjoni HAA906, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-

xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema valur jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00), izda anqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00), liema serq sar ghad-dannu ta’ Joseph Bugeja;

2. U aktar talli f’xi hin matul il-lejl ta’ bejn it-28 u d-29 ta’ Mejju, 2002, ikkommetta serq ta’ sebat ifniek minn go razzett fl-inhawi ta’ Triq il-Wied, Imsida, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-misruqa u li sar ghad-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa;

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok, u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti misruqin gew minn reati ta’ serq, ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur, u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Magistrat Dr C Scerri Herrera LL.D., fit-13 ta’ Novembru, 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5. U finalment talli kiser il-provvediment tal-Probation Art 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’zewg sentenzi moghtija mill-Magistrat Dr N Cuschieri LL.D., nhar is-27 ta’ Lulju, 2001.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu; u kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Michael Mallia dwar l-investigazzjonijiet tieghu fil-konfront tas-serq tal-karozza ta’ certu Joseph Bugeja, u serq ta’ fniek.

Joseph Bugeja xehed illi hu kien halla l-vettura tieghu Morris Marina pparkjata faccata tad-dar, u aktar tard sabha aktar ‘il fuq, ipparkjata. Qal illi kien xtara din il-vettura tliet mija u hamsin lira Maltin(Lm350.00), u li minna nsterqitlu wkoll tromba li kienet tiswa xi ghoxrin lira Maltin (Lm20.00). Hsara wehel biss Lira Maltija (Lm1.00).

Issa din il-kawza, ghalkemm mhix xi wahda karatterizzata bil-provi, ilha ghaddejja snin, b’nuqqas kbir tad-Difiza li dejjem kaxkret saqajha biex ittella’ l-provi; kif ukoll ghall-imputat li ma kinx jidher.

L-imputat, fi zmien ta’ din l-investigazzjoni, ittiehdulu zewg stqarrijiet. Pero hawn l-imputat kellu biss sbatax(17)-il sena, u ghalkemm kien daq il-Qorti gia’ erba’(4) darbiet (ara fedina penali, folio 6), xorta kellu eta’ tenera. Allura l-Qorti tqis illi ghandha tiskarta dawn.

Ghazel l-imputat illi jixhed viva voce. Din hija x-xhieda li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni, biss pero sakemm ma jirrigwardjax l-istqarrijiet li regghu gew moqrija lilu u dan ghar-ragunijiet gia’ premessi.

Ammetta viva voce, illi hu kien ha l-vettura ta’ Bugeja. Qal illi mar jixtri biha biss.

Illi ftit izjed tista’ zzid il-Qorti ma’ dak espost, hlief illi ssibu hati tal-ewwel(1) akkuza wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 17, u 13 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tilliberah mit-tieni(2) akkuza ghax ma gietx pruvata, u tqis it-tielet(3) akkuza bhala wahda alternattiva.

Rat ukoll is-sentenzi ezebiti fil-konfront ta’ Clyde Bonavia, u anke x-xhieda tal-Ispettur Denise Mula fil-konfront tar-recidiva. Qieset pero li fil-konfront tas-sentenza fejn giet imposta fuqu l-Probation Order – Dok CB3 folio 30, ma ngabet ebda prova tal-identita’, ghalhekk mhix qed issib htija ghall-ksur tal-Ordni tal-Probation.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali aggoranta tal-imputat, illi frankament ma tantx taghti xena pozittiva fil-konfront tal-imputat. Tqis illi l-unika piena idonea hija wahda karcerarja, ghax nonostante t-tul ta’ din il-kawza, dan kien tul anke reputabbli lill-imputat, allura z-zmien ma jservi ghall-ebda attenwant;
Ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 267, 270, 278, 279, 280, 17, 21, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ tmintax(18)-il xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------